

Brussell, 14 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14459/24

CLIMA 355
ENV 996
ONU 115
DEVGEN 147
ECOFIN 1140
ENER 502
MAR 159
AVIATION 138
ICAO 44

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ottubru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14218/24
Suġġett:	Tħejjijiet għad-29 Konferenza tal-Partijiet (COP29) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Baku, 11-22 ta' Novembru 2024) – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4050 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ottubru 2024.

**Thejjiijiet għad-29 Konferenza tal-Partijiet (COP29) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet
Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)**

(Baku, 11-22 ta' Novembru 2024)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

L-URĠENZA TAL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

1. JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-umanità, għall-ekosistemi u għall-bijodiversità, kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà, u li ebda pajjiż, territorju jew reġjun mhu ħieles minnu; JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGĦU dwar l-intensità u l-frekwenza dejjem jiżdiedu ta' avvenimenti ta' temp estrem madwar id-dinja, fosthom mewġiet ta' sħana, nirien, nixfa u għargħar; JIDDISPJAĊIH għall-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq il-bijodiversità, fuq l-ekosistemi tal-art u tal-baħar u ż-żieda fl-imwiet; u JENFASIZZA l-urġenza estrema għal tisħiħ tar-rispons globali għall-emerġenza klimatika f'dan id-deċennju kruċjali permezz ta' azzjoni ambizzjuża u sostanzjalment imsaħħa ta' mitigazzjoni u adattament mill-pajjiżi kollha f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, li jikkontribwixxu għall-ħarsien tan-nies, l-għajxien tagħhom, l-ekonomija, is-sistemi tal-ikel, il-bijodiversità u l-ekosistemi.
2. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' tranżizzjoni globali rapida lejn ekonomiji u soċjetajiet newtrali għall-klima, reżiljenti, pożittivi għan-natura, u ċirkolari u effiċjenti fir-riżorsi, li globalment issostni t-tkabbir u impjiegi ġodda u deċenti. Din it-tranżizzjoni jeħtieġ li sseħħ b'tali pass u fuq skala li jkunu allinjati mal-possibbiltà li t-tisħin globali jinżamm taħt il-1.5 °C, u jeħtieġ li tkun ġusta u inklużiva, tippromwovi approċċ imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem u għandha tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. JISTENNA B'INTERESS li jaħdem mas-sħab globali biex jaħtaf l-opportunitajiet u jindirizza l-isfidi fit-tranżizzjoni.

3. JISSOTTOLINJA l-opportunitajiet u l-benefiċċji kollaterali li azzjoni ambizzjuża dwar il-klima għib magħha mhux biss għall-pjaneta u l-ekonomija globali iżda wkoll għan-nies, f'dak li għandu x'jaqsam ma' standards tal-għajxien aħjar, saħħa, sigurtà tal-ilma mtejba, sistemi tal-ikel sostenibbli, u prezzijiet tal-enerġija affordabbli. JENFASIZZA li biż-żamma tal-kompetittività ekonomika u l-promozzjoni tal-inklużività soċjali permezz ta' investiment fl-edukazzjoni, ix-xjenza, l-innovazzjoni u l-impjiegi u l-ħiliet ekoloġiċi, is-soċjetajiet kollha jistgħu jibbenefikaw minn tranżizzjoni ekoloġika ġusta u ekwa għal mudell ekonomiku ekoloġiku u għdid. IFAKKAR li l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni hija ferm ogħla minn dik ta' perkorsi ta' tranżizzjoni bl-ordni u ġusti. Ikompli JTENNI li hemm rabta qawwija bejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa.
4. ITENNI li l-Partijiet kollha, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, għandhom jipproteġu, jirrispettaw, jippromwovu u jqisu l-obbligi tagħhom għad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli, id-drittijiet tal-popli indiġeni kif jinsabu fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-migranti, it-tfal u ż-żgħażaġh, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-ekwità interġenerazzjonali. F'dan il-kuntest JIRRIKONOXXI l-ħidma tar-Relatur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA li l-parteċipazzjoni, l-involvement u l-aċċess għall-informazzjoni pubbliċi u sinifikattivi, fosthom għas-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh u l-partijiet kollha ikkonċernati, huma kruċjali għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, it-trattament ugwali u l-inklużività fit-tranżizzjoni globali lejn pjaneta reżiljenti u newtrali għall-klima. ITENNI li l-UE tibqa' impenjata lejn dawn il-valuri.

5. JAGĦRAF l-interdipendenza bejn it-telf tal-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u d-degradazzjoni tal-art; ITENNI t-tħassib tagħna dwar il-gravità u l-urġenza li jfieggu mill-kriżi dinjija tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis, li huma interkonnessi u jsaħħu lil xulxin, kif ukoll id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ħamrija u l-baħar u l-iskarsezza tal-ilma, l-ġhargħar, in-nixfa u d-deforestazzjoni li huma ta' theddida globali għall-iżvilupp sostenibbli. JAFFERMA l-impenn tiegħu li jindirizza dawn l-urġenzi b'mod effettiv, integrat u koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, b'salvagwardji soċjali u ambjentali qawwija inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tal-ekosistemi; JISĦAQ fuq il-bżonn li l-kompromessi jiġu minimizzati, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-art u l-bijomassa; HUWA IMPENJAT BIS-SĦIĦ għall-implimentazzjoni ta' appoġġ reċiproku tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, u li jilħaq in-newtralità globali fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art u JAPPELLA għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u msaħħa u għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejniethom u ma' ftehimiet multilaterali oħra.
6. JENFASIZZA li s-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CDB), id-29 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u s-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) jipprovdu opportunità unika għall-Konvenzjonijiet ta' Rio biex reċiprokament jappoġġaw lil xulxin kif ukoll lill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet tagħha ta' Żvilupp Sostenibbli u JAPPOĠĠA kollaborazzjoni miżjuda fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs), il-Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali (NAPs) u l-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs) u l-ħidma tal-Grupp ta' Kollegament Konġunt tal-Konvenzjonijiet ta' Rio bil-ħsieb tal-esplorazzjoni ta' għażliet possibbli għall-ħidma konġunta bejniethom.

7. IQIS is-Summit tal-Futur bħala stadju kruċjali għas-sistema multilaterali u għat-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. JILQA' l-isforzi internazzjonali biex jittieħdu passi konkreti bi tweġiba għall-isfidi u l-opportunitajiet li qed ifiġġu quddiemna issa u fil-ġejjieni, għall-ġid tal-umanità kollha u tal-ġenerazzjonijiet futuri, inkluż ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja globali biex nirrispondu għall-isfidi ekonomiċi gravi li qed jesperjenzaw b'mod speċjali l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fosthom il-vulnerabbiltà tad-dejn, l-inflazzjoni, u l-impatti tat-tibdil fil-klima, b'rispett tal-mandati u l-proċessi tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.
8. JESPRIMI TĦASSIB SERJU dwar il-ħsara għall-klima u l-ambjent, minbarra t-tbatija enormi għall-bnedmin, ikkawżata minn konflitti armati li għaddejjin madwar id-dinja kollha u r-riskju li dawn joħolqu għal azzjoni globali effettiva biex tiġi indirizzata l-kriżi planetarja tripla. JENFASIZZA li l-gwerer għandhom effetti sekondarji negattivi serji fuq is-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, barra li jdgħajfu s-sigurtà u l-istabbiltà globali, u għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti u deċiżiv mill-komunità internazzjonali. ITENNI bl-aktar mod qawwi possibbli l-kundanna tal-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, li mhux biss tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u qed tikkawża telf kbir ta' ħajjiet u effetti negattivi fuq is-saħħa inkluż lill-popolazzjoni ċivili iżda wkoll ikkaġunat ħsara immedjata lin-natura u degradazzjoni ambjentali fit-tul, qed toħloq riskji għas-sikurezza nukleari, u qed twassal għal dewmien fl-azzjoni tant meħtieġa dwar it-tibdil fil-klima. KONXJU li skont id-dritt internazzjonali, ir-Russja hija responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ifaħħar l-istabbiliment tar-Reġistru tad-Danni għall-Ukrajna u t-tħejjijiet li għaddejjin ta' kummissjoni għat-talbiet, bħala l-ewwel pass lejn mekkaniżmu sħiħ biex jikkompensa lill-Ukrajna għad-danni tal-gwerra kkawżati mill-aggressjoni tar-Russja, inkluż id-dannu ambjentali. ITENNI wkoll tħassib serju dwar l-iżviluppi reċenti fil-Lvant Nofsani, kif espress mill-Kunsill Ewropew.

9. JENFASIZZA l-importanza tal-kontribut tas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) għall-konklużjoni pożittiva tal-ewwel Rendikont Globali (GST). JENFASIZZA r-rilevanza politika tal-valutazzjonijiet tal-IPCC għas-soluzzjonijiet għall-azzjoni u JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tweġġ komprensiv u f'waqtu tal-prodotti tiegħu mill-gruppi ta' ħidma kollha tal-IPCC fis-Seba' Ċiklu ta' Valutazzjoni għall-GST-2 bħala l-aħjar xjenza disponibbli għall-azzjoni favur il-klima.

RIŻULTATI F'BAKU

10. JAPPELLA għal riżultat ambizzjuż u bilanċjat f'Baku fejn (i) tinżamm il-possibbiltà li tintlaħaq il-mira li t-tisħin globali jinżamm taħt il-1.5 °C, fid-dawl tal-aħjar xjenza disponibbli, b'mod partikulari l-aktar rapporti reċenti tal-IPCC, (ii) imexxina kollha 'l quddiem lejn reżiljenza fit-tul, u (iii) ikun fih qbil dwar Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat dwar il-Finanzjament għall-Klima (NCQG) effettiv, ambizzjuż u li jista' jintlaħaq.
11. JILQA' r-"Roadmap to Mission 1.5 °C" li għandha titmexxa 'l quddiem mill-Presidenzi tal-COP, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Ażerbajġan u l-Brażil (it-Trojka) u JAPPELLA lit-Trojka biex iżomm it-tmexxija tal-faċilitazzjoni ta' NDCs aktar ambizzjużi allinjati mal-għan li t-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C, tat-tisħin tal-momentum politiku u tal-promozzjoni tal-ambizzjoni fuq il-binarji differenti kollha ta' Ftehim ta' Pariġi, abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli.
12. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li b'mod kollettiv ikomplu jiġu żviluppati u implimentati l-aspetti kollha tad-deċiżjoni tal-GST u jirriflettihom fil-flussi ta' ħidma kollha rilevanti skont il-Ftehim ta' Pariġi. JENFASIZZA li d-deċiżjoni tal-GST għandha tiġi implimentata b'mod partikulari fiċ-ċiklu li jmiss tal-NDCs, kif ukoll id-djalogu annwali tal-GST, id-djalogu tal-Emirati Għarab Magħquda, il-Programm ta' Ħidma dwar il-Mitigazzjoni (MWP) u l-Programm ta' Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta (JTWP). JISSOTTOLINJA l-importanza partikolari tad-djalogu tal-Emirati Għarab Magħquda biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tad-deċiżjoni tal-GST fl-intier tagħha.

13. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-MWP biex jiżdiedu b'mod urġenti l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni tal-mitigazzjoni f'dan id-deċennju kruċjali b'mod li jikkomplementa l-GST u JINTRABAT li jkompli jaħdem b'mod kostruttiv mal-Partijiet u mal-partijiet ikkonċernati li mhumieix Parti għal skambju ta' tagħlimiet meħuda, l-identifikazzjoni ta' sinerġiji, u t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati biex jippromwovi l-politiki domestiċi robusti, jesplora kif il-politiki settorjali jistgħu jirfdu l-azzjoni u l-ambizzjoni klimatika, u jippermetti lill-pajjiżi jagħmlu progress fl-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-impenji li jmiss tagħhom sabiex kollettivament iżommu possibbli l-mira li t-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C. JILQA' l-fatt li s-suġġett tal-MWP għall-2024 huwa l-ibliet, il-bini u s-sistemi urbani. JESPRIMI TĦASSIB dwar in-nuqqas ta' progress li sar fil-proċess tal-MWP s'issa. JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex b'mod kostruttiv jidħlu f'diskussjonijiet sostanzjali dwar miżuri ta' mitigazzjoni u jappoġġaw deċiżjoni sostantiva u ambizzjuża dwar il-MWP fil-COP29, li tirrifletti messaġġi ta' livell għoli dwar id-Djalogi Globali u l-Avvenimenti Ffukati fuq l-Investment skont l-MWP iżda wkoll issegwi l-progress tal-implimentazzjoni tal-GST kif ukoll tipprovdri aspettattivi dwar iċ-ċiklu li jmiss tal-NDCs. JIRRIKONOXXI li l-MWP għandu l-potenzjal li jagħti kontribut fl-elaborazzjoni tal-NDCs ġodda b'ambizzjoni għolja u jikkatalizza l-azzjoni minn partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati lil hinn mill-UNFCCC, li jwasslu għal impjiegi ġodda u tkabbir globalment.
14. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-JTWP; JIDĦOL GĦALL-IMPENN u JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex b'mod kostruttiv jaħdmu għal perkorsi ta' tranżizzjoni ġusta li jkollhom in-nies fil-qalba tagħhom, b'ħadd ma jitħalla jibqa' lura, u biex isaħħu l-kapaċità tal-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni ġusta domestikament imsejsa fuq djalogu soċjali inklużiv, sinifikattiv u effettiv u parteċipazzjoni sħiħa, indaqs u sinifikattiva ta' kulħadd, anke tal-Partijiet Ikkonċernati li Mhumieix Parti.

15. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima; JISĦAQ fuq l-importanza li jintlaħaq ftehim dwar l-NCQG dwar il-finanzjament għall-klima u JAFFERMA MILL-ĠDID l-involvement kostruttiva tal-UE fid-deliberazzjonijiet. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal approċċ wiesa' u trasformativ fit-tfassil tal-għan il-ġdid bħala parti minn qafas globali ta' finanzjament għall-klima fejn is-sorsi kollha ta' finanzjament - domestiċi u internazzjonali, pubbliċi u privati jkunu komplementari u ta' appoġġ reċiproku u fejn jiġu kkunsidrati kombinazzjonijiet differenti ta' modalitajiet ta' finanzjament. JENFASIZZA li l-finanzjament għall-klima huwa mezz biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi globali. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-importanza ta' approċċ integrat b'diversi livelli għall-NCQG. JISSOTTOLINJA li l-għan għandu jirrifletti l-isforzi globali u domestiċi b'mod aktar wiesa' biex jiġi mobilizzat il-finanzjament għall-klima permezz ta' miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-ambjent abilitanti biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti globalment ma' perkors lejn l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u jiġu sfruttati l-flussi ta' investiment, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-finanzjament internazzjonali għall-klima pprovdut u mobilizzat għandu jkun fil-qalba tiegħu u għandu jiġi minn grupp usa' ta' kontributori, inkluż minn daww il-pajjiżi li kapaċi jikkontribwixxu. Tali twessigħ tal-grupp ta' kontributori jipprovdi opportunità biex jiżdied il-finanzjament għall-appoġġ ta' pajjiżi u komunitajiet vulnerabbli u jirrifletti solidarjetà globali b'saħħitha magħhom. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għat-twessigħ tal-grupp ta' kontributori bħala prerekwiżit għal NCQG ambizzjuż, li jirrifletti l-evoluzzjoni tal-kapaċitajiet ekonomiċi rispettivi u ż-żieda fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra sa mill-bidu tas-snin disgħin, u n-natura dinamika tagħhom. JIRRIKONOXXI li, bħala parti minn sforz globali, il-pajjiżi żviluppatti għandhom jibqgħu minn ta' quddiem fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u kanali. JENFASIZZA li l-NCQG għandu jintuża essenzjalment bil-mira li jiżgura appoġġ effiċjenti, aċċessibbli u li jħalli impatt b'mod partikolari għall-pajjiżi u l-komunitajiet vulnerabbli biex jinkisbu riżultati fil-prattika. Barra minn hekk, JIRRIKONOXXI li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw diġà qed jipprovdu u jimmobilizzaw finanzjament għall-klima, inkluż permezz ta' fondi ddedikati għall-klima, banek multilaterali tal-iżvilupp, istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp nazzjonali u permezz tal-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar. IĦEĠĠEĠ lill-kontributori kollha jirrapportaw l-ammont ta' finanzjament għall-klima pprovdut u mobilizzat biex itejbu t-trasparenza u jippermettu koordinazzjoni, komplementarjetà u koerenza aktar b'saħħithom bejn fornituri u atturi differenti, peress li dan iġib miegħu l-potenzjal li jikkatalizza aktar finanzjament għall-klima.

16. IFAKKAR li l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi joffri l-potenzjal li jiffaċilita aktar ambizzjoni għat-tnaqqis fid-distakk biex it-tisħin globali jiġi limitat, dment li jiġu żgurati t-trasparenza u l-integrità ambjentali. JISSOTTOLINJA li l-enfasi jeħtieġ li tibqa' fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet domestikament u li l-kumpens ma jistax jintuża biex jiġi differit it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet. JAPPELLA lill-Partijiet jidħlu fi djalogu konstruttiv sabiex jaslu għal ftehim f'Baku li jikkontribwixxi għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, jinkoraġġixxi l-ambizzjoni, jiffaċilita l-progressjoni, jappoġġa l-investimenti trasformattivi, jippermetti l-iżvilupp sostenibbli u jiżgura l-integrità ambjentali, filwaqt li jsostni s-salvagwardji soċjali, jirrispetta, jipproteġi u jiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-Popli Indiġeni kif jinsabu fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, u jipproteġi l-bijodiversità u jissalvagwardja l-bjar naturali kontra r-riskji marbuta mal-klima. JAPPELLA biex ikun hemm regoli komprensivi fir-rigward tal-Artikolu 6 biex jikkontribwixxu għaż-żieda meħtieġa fl-ambizzjoni globali u l-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet f'konformità mal-għan li t-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C u tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, jevitaw perkorsi kemm tal-għadd doppju kif ukoll tal-emissjonijiet impenjati li huma inkonsistenti mal-għanijiet ta' Pariġi jew li jiddependu fuq għażliet ta' mitigazzjoni b'riskju sinifikanti ta' treġġiġh lura, jippromwovu aktar l-iżvilupp sostenibbli, u b'mod ġenerali jiżguraw l-integrità ambjentali, f'termini ta' provvista, domanda u proċessi, u ta' rfiġh ta' responsabbiltà, trasparenza, monitoraġġ u ambizzjoni robusti, kif ukoll kwalità għolja tal-eżiti ta' mitigazzjoni.
17. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet jieħdu azzjoni fil-livelli kollha ta' governanza sabiex jiksibu progress fl-Għan Globali dwar l-Adattament. JINSAB IMPENJAT li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-programm ta' ħidma ta' sentejn tal-Emirati Għarab Magħquda–Belém dwar indikaturi biex jiġi mmonitorjat aħjar il-progress fl-azzjoni ta' adattament u JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex ikunu involuti fil-ħidma teknika dwar l-indikaturi fit-tħejjija għall-COP29 sabiex jinkisbu r-riżultati sal-COP30. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet biex iressqu, imexxu 'l quddiem u jimplimentaw in-NAPs, strumenti ta' politika, u proċessi jew strateġiji ta' ppjanar, u JINTRABAT li jappoġġa l-ħidma biex jintlaħaq eżitu pożittiv dwar il-valutazzjoni tan-NAP f'Baku.

18. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Emirati Għarab Magħquda għar-Reżiljenza Globali għall-Klima, li għandu rwol ċentrali fil-gwida tal-isforzi ta' adattament. JISSOTTOLINJA l-impenn tal-UE li tagħmel dan, kemm fl-isforzi domestiċi tagħha, kif ukoll fil-kooperazzjoni internazzjonali tagħha. IFAKKAR fl-urġenza li tiżdied l-azzjoni ta' adattament u li jiġi żgurat li l-qafas jiġi implimentat u jagħti riżultati għall-miri ambizzjużi tiegħu, inkluż fost l-oħrajn l-ilma, l-ikel, is-saħħa u l-ekosistemi. JENFASIZZA li l-indikaturi għall-qafas tal-Emirati Għarab Magħquda għandhom ikunu speċifiċi għall-adattament, azzjonabbli, sinifikattivi, ċari, u osservabbli u għandhom jappoġġaw il-valutazzjoni tal-progress tal-adattament fil-GSTs sussegwenti.
19. JILQA' l-ftehim skont il-Programm ta' Ħidma Konġunt il-ġdid ta' Sharm El-Sheikh dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima fil-qasam tal-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel u JINTRABAT li jibda l-ħidma skont il-pjan direzzjonali li jiddeskrivi l-ħidma tiegħu sal-COP31 (2026). JISSOTTOLINJA l-importanza li titkompla l-ħidma lejn l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Emirati Għarab Magħquda tal-COP28 dwar l-Agricoltura Sostenibbli, Sistemi tal-Ikel Reżiljenti, u Azzjoni Klimatika, u l-ħtieġa urġenti li titkompla l-ħidma lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti u HUWA IMPENJAT li jkompli l-kollaborazzjoni mas-sħab f'dan ir-rigward.
20. JISSOTTOLINJA li l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-azzjoni u l-appoġġ, imwettqa skont il-Qafas ta' Trasparenza Msaħħaħ (ETF) ser ikunu essenzjali biex tinbena u tinżamm il-fiduċja fost il-Partijiet waqt li l-Partijiet kollha jimplimentaw l-impenji tagħna b'mod konsistenti, komparabbli, sħiħ, preċiż u trasparenti. JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex iħejju u jippreżentaw l-ewwel rapporti biennali tagħhom dwar it-trasparenza (BTRs) sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena, u JINSAB DEĊIŻ li jagħmel hekk ukoll, waqt li jieħu nota li l-preżentazzjoni mil-LDCs u l-SIDS hija fid-diskrezzjoni tagħhom.

21. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi ffinalizzata r-reviżjoni tal-Programm ta' Ħidma Msaħħa ta' Lima u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u li din il-ħidma tiġi estiża fil-futur. JIBQA' IMPENJAT li jmessi 'l quddiem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiġi tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha madwar id-dinja, peress li dan huwa kruċjali għal azzjoni klimatika effettiva, għall-kisba tal-għanijiet klimatiċi tagħna u għat-tiġi tar-reżiljenza globali. JISTENNA B'INTERESS id-djalogu mal-partijiet kollha biex titkompla l-ħidma dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-proċess tal-UNFCCC, fil-punti kollha, u l-korpi kostitwiti u l-programmi ta' ħidma kollha. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha jimplimentaw il-parteċipazzjoni u t-tmessija sikuri, sinifikattivi, indaqs u sħaħ tan-nisa u l-bniet fl-azzjoni klimatika; permezz tal-bini tal-kapaċità, l-ippjanar, it-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar, u JFAKKAR fl-impenn tiegħu li jagħmel dan.

IT-TISĦIĦ TAL-AZZJONI, L-AMBIZZJONI, L-OPPORTUNITAJIET U L-APPOĠĠ

22. JAPPREZZA l-isforzi tal-Gvern tal-Emirati Għarab Magħquda li serva ta' Presidenza tal-COP28 u JILQA' l-Kunsens rivoluzzjonarju tal-Emirati Għarab Magħquda li jissottolinja t-tmiem tal-era tal-fjuwils fossili billi jwitti t-triq għal tranżizzjoni globali rapida, ġusta u ekwa lejn ekonomiji newtrali għall-klima mirfuda minn tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet f'konformità maż-żamma tat-tiġi globali taħt il-1.5 °C.
23. JISSOTTOLINJA li ż-żamma tat-tiġi globali taħt il-1.5 °C teħtieġ sforz kollettiv u aktar azzjonijiet mill-pajjiżi kollha, speċjalment l-ekonomiji l-kbar, f'dan id-deċennju kruċjali. Dan jirrikjedi wkoll li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra (GHG) jilhq l-quċċata tagħhom sa mhux aktar tard mill-2025, jitnaqqsu b'madwar 43 fil-mija sal-2030 u 60 fil-mija sal-2035, meta mqabbla mal-2019, u jilhq emissjonijiet netti zero ta' gassijiet serra malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2050.

24. IHEĠĠĠĠ lill-Partijiet kollha biex isegwu u jirriflettu l-isforzi maqbula fid-deċiżjoni tal-GST permezz ta' implimentazzjoni rapida u ambizzjuża u jiżdiedu l-NDCs li għandhom jiġu ppreżentati ferm qabel il-COP30, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. IFAKKAR fit-talba tad-Deċiżjoni dwar il-GST lill-Partijiet kollha li għadhom ma għamlux dan biex jirrevedu u jsaħħu l-miri tal-2030 fl-NDCs tagħhom kif meħtieġ biex jallinjawhom mal-għan tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sa tmiem l-2024, kif ukoll fit-tħeġġiġ biex jikkomunikaw jew jirrevedu l-istrateġiji fit-tul tagħhom ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra (LT LEDS) lejn tranżizzjoni ġusta lejn emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra sal-2050 b'kont meħud ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti. JINNOTA BI TĦASSIB SERJU li bħalissa l-NDCs tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi kollettivament għadhom 'il bogħod mit-triq it-tajba biex jillimitaw it-tisħin globali għal 1.5 °C u jilħqu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex jallinjaw il-politiki u l-miżuri tagħhom mal-miri stabbiliti fl-NDCs tagħhom f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. JISSOTTOLINJA li l-pajjiżi kollha - speċjalment l-ekonomiji l-kbar kellhom: i) iżidu b'mod sinifikanti l-ambizzjoni tal-NDCs tagħhom sa mill-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, ii) diġà laħqu l-ogħla livell fl-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra, jew iii) indikaw li ser jagħmlu dan qabel l-2025, u li fl-NDCs tagħhom kellhom jindikaw miri assoluti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fl-ekonomiji kollha tagħhom li jkopru l-gassijiet serra kollha.
25. JENFASIZZA li l-UE qed taġixxi fuq il-mandat tal-GST inkluż billi timplimenta l-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" li ser jippermetti lill-Unjoni Ewropea timplimenta l-NDC aġġornat tagħha għall-2030. JISSOTTOLINJA li, skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-qafas leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %", meta jiġi implimentat kollu, jista' jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li sal-2030 jaqbżu l-mira tal-UE għat-tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-1990. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-importanza ta' implimentazzjoni rapida u sħiħa tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'kont meħud li din iġġib magħha opportunitajiet u sfidi li jeħtieġ jiġu indirizzati.

26. ITENNI l-appell għal tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu, allinjata mal-perkorsi biex it-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C, filwaqt li titħaffef l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, sabiex jinkisbu emissjonijiet żero netti sal-2050 f'konformità max-xjenza. ITENNI l-appell biex il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli tiġi ttripplikata globalment u biex ir-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi rduppjata sal-2030 u biex jiġu aċċellerati t-teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi. JAPPELLA għall-eliminazzjoni gradwali mill-aktar fis tas-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjoni ġusta. F'dan ir-rigward JENFASIZZA wkoll li dawn il-miri jridu jimxu id f'id mal-iffrankar tal-enerġija u l-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija mill-fjuwils fossili globalment, JENFASIZZA li fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-isforzi globali kollha relatati mal-enerġija maqbula bħala parti mill-kunsens tal-Emirati Għarab Magħquda, b'mod determinat fil-livell nazzjonali, filwaqt li tiġi rispettata t-taħlita tal-enerġija ta' kull pajjiż, il-Partijiet intalbu jikkontribwixxu għall-isforzi globali biex jaċċelleraw it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi f'konformità mal-paragrafu 28 tal-GST. JENFASIZZA wkoll il-ħtieġa li tiġi aċċellerata d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u li jiġu evitati l-emissjonijiet impenjati f'setturi tal-industrija diffiċli sabiex jittrażżnu u JILQA' l-progress tal-inizjattivi internazzjonali f'dan il-qasam.

27. JENFASIZZA l-importanza li tinkiseb l-eliminazzjoni gradwali globali tal-fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa, u li jintlaħaq l-ogħla livell u t-tnaqqis fil-konsum tagħhom qabel ma jgħaddi dan id-deċennju biex titwettaq il-mitigazzjoni meħtieġa kif indikat mill-IPCC. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza li s-settur tal-enerġija jkun fil-biċċa l-kbira ħieles mill-fjuwils fossili ferm qabel l-2050, u l-importanza li jintlaħaq l-għan li tinkiseb sistema globali tal-enerġija kompletament jew b'mod predominanti dekarbonizzata fis-snin 30, li ma tħalli l-ebda lok għal enerġija ġdida mill-faħam, peress li miżuri kosteffettivi ta' emissjonijiet żero diġà huma disponibbli b'mod wiesa' f'dak is-settur, liema miżuri jipprovdu benefiċċji multipli, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa tal-bniedem u l-kwalità tal-arja, il-ħolqien tal-impjiegi kif ukoll is-sigurtà tal-enerġija u li tiġi eliminata b'mod gradwali l-ġenerazzjoni globali eżistenti tal-enerġija mill-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqsa fis-sistemi tal-enerġija konsistenti mal-possibbiltà li tintlaħaq il-mira li t-tiżhin jinżamm taħt il-1.5 °C. Barra minn hekk, JISSOTTOLINJA li t-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-ambjent jeżistu fuq skala limitata u għandhom jintużaw biex inaqqsu l-emissjonijiet prinċipalment minn setturi diffiċli sabiex jittrażżnu u li t-teknoloġiji tal-assorbiment għandhom jikkontribwixxu għal emissjonijiet negattivi globali, u JENFASIZZA li dawn m'għandhomx jintużaw biex idewmu l-azzjoni klimatika f'setturi fejn huma disponibbli alternattivi ta' mitigazzjoni fattibbli, effettivi u kosteffiċjenti, b'mod partikolari f'dan id-deċennju kruċjali. Fl-istess ħin JIRRIKONOXXI l-progress li sar fl-iżvilupp ta' teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u r-rwol potenzjali tagħhom fil-futur fit-tnaqqis tal-emissjonijiet f'setturi diffiċli sabiex jittrażżnu, biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni u tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. JAPPELLA lill-partijiet kollha, b'mod partikolari ekonomiji ewlenin oħra, biex jimplimentaw il-kontribut tagħhom għat-tranżizzjoni globali lil hinn mill-karburanti fossili fis-sistemi tal-enerġija, permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet, politiki u azzjonijiet domestiċi. JENFASIZZA li l-industrija taż-żejt u tal-gass għandha tassumi rwol ta' tmexxija fl-isforzi globali meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra; JENFASIZZA l-potenzjal kosteffettiv ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fl-estrazzjoni, il-produzzjoni u t-trasport tal-fjuwils fossili kif ukoll fis-setturi tal-agrikoltura u tal-iskart. JIEĦU L-IMPENN li jinvolvi aġenziji bħall-AIE, l-IRENA biex jaħdmu mal-UNFCCC biex jiżguraw rapportar trasparenti u f'waqtu fit-twassil tal-kapaċità ttriplikata tal-enerġija rinnovabbli globalment u l-irduppar tar-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija sal-2030, impenjata fil-COP28.

28. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal infrastruttura abilitanti bħall-grilji tal-enerġija tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, l-interkonnnessjonijiet tal-elettriku u l-ħżin tal-enerġija u r-rilevanza tagħhom għall-aċċess għall-enerġija, il-kompetittività, il-kontijiet tal-enerġija affordabbli, is-sigurtà tal-enerġija, iż-żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, l-elettrifikazzjoni u l-ġestjoni min-naħa tad-domanda. JAPPOĠĠA t-tisħiħ ulterjuri tal-iżvilupp tal-ħiliet u t-trawwim tal-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi bħala faċilitatur għall-benefiċċji tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-isforzi globali biex jiġu żviluppati u msaħħa ktajjen tal-provvista u tal-valur globali affidabbli, diversifikati, sostenibbli, responsabbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ġusti, globali, reġjonali u lokali biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija.
29. JISSOTTOLINJA li ċ-ċiklu li jmiss ta' NDCs jeħtieġ li jirrifletti l-progressjoni u l-oġġla ambizzjoni possibbli; u JAPPELLA biex dawn l-NDCs jiġu allinjati mad-deċiżjoni tal-GST u mal-għan li t-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C, kif infurmat mix-xjenza l-aktar reċenti, jinkludu miri ta' tnaqqis fl-ekonomija kollha u assoluti li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha, u jkunu sostnuti minn politiki u miżuri konkreti u JTENNI l-inkoraġġiment tal-kunsens tal-Emirati Għarab Magħquda lill-Partijiet biex jikkomunikaw fl-2025 il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom b'data tat-tmiem fl-2035, skont il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 6/CMA.3. JIRRIFLETTI l-konklużjonijiet tal-IPCC li huma disponibbli soluzzjonijiet biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5°C u ser jaħdem mas-sħab biex jiżgura li dawn is-soluzzjonijiet jiġu riflessi fiċ-ċiklu li jmiss tal-NDCs. HUWA IMPENJAT li jaħdem ma' pajjiżi sħab, sħab għall-iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħas-Sħubija tal-NDC, biex jiżviluppa u jimplimenta NDCs ambizzjużi.
30. JILQA' l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u t-triq lejn in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tagħha f'konformità max-xjenza. JINNOTA li l-Komunikazzjoni tipprovdi bażi għad-diskussjoni u tinforma d-deċiżjoni li għandha tittieħed dwar il-mira tal-UE għall-2040 u l-NDC li jmiss li għandha tiġi ppreżentata ferm qabel il-COP30 f'konformità mal-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-eżiti tal-GST, bil-ħsieb li tmexxi bl-eżempju, abbażi tal-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni u li għandha tiġi maqbula f'konformità mal-proċeduri interni tal-UE; filwaqt li taħdem fuq il-prerekwiżiti biex tiffaċilita t-tlestija tagħha. JAPPELLA WKOLL lil sħab internazzjonali oħra, speċjalment emittenti kbar biex iżidu l-ambizzjoni tagħhom stess, biex ipoġġu lid-dinja fuq trajettorja li tkun kompatibbli mal-għan tat-temperatura ta' 1.5 °C.

31. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas ta' politika stabbli u prevedibbli biex jipprovdi ċarezza għall-investituri, inkluż in-negozji, iċ-ċittadini kif ukoll dawk li jfasslu l-politika, u l-ħtieġa ta' deċiżjoni dwar mira intermedja għall-2040 fi żmien debitu, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi, u f'konformità mal-għan ta' temperatura ta' 1.5 gradi, filwaqt li jitqiesu l-eżiti tar-rendikont globali. JILQA' r-rieżami ta' nofs it-terminu tat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (it-8 EAP); JISSOTTOLINJA li l-implimentazzjoni ulterjuri tal-atti leġislattivi adottati wara l-Patt Ekoloġiku Ewropew ser tkun kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi prijoritarji tat-8 EAP u jitqies l-impatt soċjoekonomiku fuq setturi sensittivi.
32. ITENNI li l-impenn internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli huwa essenzjali biex it-tibdil fil-klima jiġi indirizzat b'suċċess globalment. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2024 dwar id-Diplomazija Ekoloġika tal-UE¹ u JTENNI f'dan ir-rigward l-impenn li ssir ħidma mill-qrib mas-sħab internazzjonali permezz ta' diplomazija Ewropea attiva dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija biex titħaffef it-tranżizzjoni globali ġusta u inklużiva.
33. JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika u finanzjarja mis-sorsi kollha, biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu u jiġu żgurati l-benefiċċji tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti.
34. JIRRIKONOXXI s-sejbiet tal-IPCC li l-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima jintegra l-adattament u l-mitigazzjoni biex javvanza l-iżvilupp sostenibbli għal kulħadd, bis-saħħa ta' aktar kooperazzjoni internazzjonali. JENFASIZZA li l-azzjoni ta' mitigazzjoni li tillimita l-emissjonijiet tas-CO₂, flimkien ma' tnaqqis qawwi f'emissjonijiet oħra ta' gassijiet serra, tnaqqas ir-rata u d-daqs tat-tisħin, filwaqt li żżid l-effettività u l-kapaċità ta' ppjanar. JISSOTTOLINJA li rati u dimensjoni akbar tat-tibdil fil-klima jżidu l-probabbiltà li jinqabżu l-limiti ta' adattament, u b'hekk JENFASIZZA li l-mitigazzjoni u l-adattament huma komplementari u essenzjali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, u JĦEĠĠEĠ għal tnaqqis globali profond, rapidu u sostnut tal-emissjonijiet li jilħaq mill-inqas emissjonijiet zero netti ta' CO₂ allinjati mal-perkorsi biex it-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C sabiex tiġi ppreservata l-kapaċità tagħna li nadattaw.

¹ dok. 7865/24

35. JAGĦRAF l-importanza dejjem akbar li tittejjeb il-kapaċità ta' adattament, tinbena r-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima u JISSOTTOLINJA r-rwol ċentrali ta' strateġiji u pjanijiet ta' adattament nazzjonali olistiċi, inklużivi u implimentati b'mod effettiv. JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex jagħmlu sforzi akbar biex jintegraw u jinnormalizzaw l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza fil-politiki, is-setturi, il-programmi u l-attivitajiet rilevanti u eżistenti, peress li dawn l-isforzi huma kruċjali biex jiġi miġġieled it-theddid dejjem akbar tat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA l-appoġġ tal-UE għar-reżiljenza u t-tħejjija internazzjonali għall-klima, politiki u inċentivi għall-promozzjoni ta' investimenti reżiljenti għall-klima, u l-appoġġ immirat għall-pajjiżi sħab, b'mod partikolari għal attivitajiet li jikkontrobwixxu għall-implimentazzjoni tal-istadji differenti taċ-ċiklu tal-politika ta' adattament (valutazzjoni tar-riskju, ippjanar, implimentazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u tagħlim).
36. JENFASIZZA li l-ġestjoni komprensiva tar-riskju klimatiku hija kruċjali għall-bini tar-reżiljenza fit-tul għall-klima u għall-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni u l-indirizzar tat-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. JISSOTTOLINJA t-tkomplija tal-isforz mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jipprevjenu u jnaqqsu r-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, kemm fit-territorji tagħhom kif ukoll barra, kif rifless fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet ta' adattament mill-Istati Membri kollha u l-promozzjoni tal-Missjoni Ewropea dwar l-Adattament u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Adattament tal-UE. JILQA' l-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi, li ser jappoġġaw l-identifikazzjoni ta' priyoritajiet ta' politika relatati mal-adattament fl-Ewropa u l-iżvilupp tal-politika f'setturi sensittivi għall-klima u JINNOTA bi tħassib kbir is-sejbiet tagħhom dwar il-periklu imminenti u r-riskji li t-tibdil fil-klima jgħallq għaċ-ċittadini, is-sistema finanzjarja u l-ekonomija kollha u li ħafna mir-riskji identifikati laħqu livelli kritiċi u jeħtieġu li tittieħed azzjoni urġenti u deċiżiva.

37. JENFASIZZA li ż-żieda fit-temperatura medja globali tkun limitata għal 1.5 °C ser ikun essenzjali biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara futuri assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. ITENNI l-impenn qawwi tal-UE biex issaħħaħ l-azzjoni dwar il-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni u l-indirizzar tat-telf u l-ħsara f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Pariġi. JISSOTTOLINJA li ma hemm l-ebda mezz uniku ta' rispons għat-telf u l-ħsara, u li l-għadd kbir ta' risponsi jeħtieġ li jissaħħu filwaqt li s-sinerġiji u l-koerenza fost l-arranġamenti eżistenti u ġodda għar-rispons għat-telf u l-ħsara jittejbu globalment.
38. JIRRIKONOXXI l-wegħdiet li saru f'Dubai, u wara dak inhar, għall-bidu tal-implimentazzjoni tal-Fond għal Rispons għal Telf u l-ħsara; f'dan ir-rigward JILQA' l-ħidma mwettqa mill-Bord tal-Fond biex jiffinalizza l-governanza u l-arranġamenti istituzzjonali tiegħu fil-ħin. JENFASIZZA l-hteġa li l-Fond jaħdem b'mod koerenti mal-arranġamenti ta' finanzjament, bl-użu tal-mekkaniżmi eżistenti, bħall-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja għal Telf u Ĥsara assoċjati mal-Impatti tat-Tibdil fil-Klima, il-Kumitat Eżekuttiv tiegħu u n-Network ta' Santiago tiegħu. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni rapida ta' arranġamenti ġodda ta' finanzjament, inkluż il-Fond, fil-kuntest tax-xenarju eżistenti u ġdid biex jappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, kif ukoll biex ikompli jipprovdi appoġġ, fuq bażi volontarja, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament, inkluż għotjiet u self konċessjonali minn sorsi pubbliċi, privati u innovattivi. Barra minn hekk, JAPPELLA lill-inizjattivi u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha, bħall-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs), l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs), il-fondi għall-klima, l-aġenziji tan-NU, l-aġenziji bilaterali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fl-ambitu tal-mandati tagħhom, biex ikunu involuti b'rabta mat-telf u l-ħsara, u jipprovdu appoġġ għal dawn l-isforzi b'mod koerenti u kkoordinat.

39. JAGĦRAF li l-finanzjament pubbliku għall-klima, inkluż il-finanzjament internazzjonali għall-klima jibqa' kritiku biex jappoġġa lill-pajjiżi u l-komunitajiet vulnerabbli, speċjalment dawk affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fl-LDCs u l-SIDS inkluż għall-adattament. JENFASIZZA l-importanza li l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp tintuża b'mod effiċjenti u katalitiku biex jiġu mobilizzati riżorsi minn sorsi oħra. JENFASIZZA l-isfidi attwali li qed jiffaċċaw ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jaċċessaw finanzjament għall-klima, b'mod partikolari dawk li għandhom restrizzjonijiet sinifikanti fil-kapaċità, u l-ħtieġa għal aktar sforzi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'NDCs ambizzjużi jkunu jistgħu jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet domestiċi tagħhom għall-klima u l-enerġija u jsaħħu r-reżiljenza nazzjonali għall-klima.
40. JILQA' l-kisba mill-pajjiżi żviluppati tal-għan kollettiv ta' USD 100 biljun fil-finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-kuntest ta' azzjoni ta' mitigazzjoni sinifikattiva u trasparenza dwar l-implimentazzjoni, b'USD 115.9-il biljun ipprovduti u mobilizzati fl-2022. IFAKKAR fil-kontribut sinifikanti tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'dak ir-rigward u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn it-tweqqif kontinwu tal-għan sal-2025. Bl-istess mod, ITENNI l-impenn biex jissaħħu aktar is-sinerġiji bejn il-finanzi għall-klima, il-bijodiversità u l-aġendi ta' ġestjoni sostenibbli tal-art. JAGĦRAF il-ħtieġa li jiġu identifikati u użati sorsi ta' finanzjament eżistenti u ġodda u innovattivi, inkluż mis-settur tal-fjuwils fossili, sabiex jiġu appoġġati l-aktar pajjiżi vulnerabbli fil-mitigazzjoni u l-bini tar-reżiljenza kontra t-tibdil fil-klima. JAGĦRAF ukoll il-ħtieġa li tittejjeb aktar is-sensittività għall-ġeneru tal-finanzjament għall-klima.
41. JAGĦRAF l-importanza li jżied il-finanzjament għall-bini tar-reżiljenza u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rieda tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jwieġbu għall-bżonn li jiġi rduppjat il-forniment kollettiv tal-pajjiżi żviluppati ta' finanzjament għall-klima għall-adattament tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sal-2025, meta mqabbel mal-livelli tal-2019. JENFASIZZA r-rwol kritiku tal-finanzi konċessjonali internazzjonali u l-finanzi pubbliċi domestiċi fl-appoġġ u l-ingranaġġ tal-isforzi ta' adattament permezz ta' programmazzjoni, ippjanar u bbaġitjar xierqa, li jtejjbu l-aċċess u li huwa inklużiv għall-finanzjament privat.

42. ITENNI li huwa għan essenzjali tal-Ftehim ta' Pariġi li l-flussi finanzjarji globali jkunu konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi tal-gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għall-klima. JENFASIZZA li dan jeħtieġ azzjoni globali u urġenti, li tinkludi riforma kontinwa u aċċellerata tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali. ITENNI li l-finanzjament pubbliku waħdu ma jistax jipprovdi l-livelli ta' finanzjament meħtieġa biex tintlaħaq ekonomija globali newtrali għall-klima u reżiljenti u li l-mobilizzazzjoni ta' sorsi privati u innovattivi ta' finanzjament għall-klima hija essenzjali għal tranżizzjoni ġusta u ta' suċċess.
- JISSOTTOLINJA li l-investimenti privati ser jerfgħu l-akbar sehem tal-investment meħtieġ fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u JIRRIKONOXXI li tali sforzi jinvolve l-allinjament tas-sistemi finanzjarji domestiċi u internazzjonali, fil-pajjiżi kollha, biex il-flussi finanzjarji pubbliċi u privati jitbiegħdu minn attivitajiet intensivi fl-emissjonijiet li huma ta' ħsara għall-klima lejn żvilupp b'livell baxx ta' gassijiet serra u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA l-ħtieġa li s-settur privat jiġi mobilizzat fuq skala kbira permezz ta' oqfsa ta' politika effettivi u kredibbli li kapaċi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u ostakli oħra biex jiżiedu l-investimenti.
- JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet kollha biex itejbu r-rappurtar trasparenti u robust dwar il-finanzjament pubbliku u privat ipprovdut u mobilizzat għall-azzjoni klimatika u f'dan il-kuntest JAGĦRAF il-ħtieġa li jsir progress fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u t-traċċar tal-allinjament tal-flussi finanzjarji, u li tiġi pprovduta informazzjoni konsistenti, komparabbli u affidabbli għall-parteciċipanti fis-suq. JINNOTA bi tħassib kbir l-iskala tal-finanzjament privat li għadha tappoġġa attivitajiet globali mhux allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi speċjalment fis-settur tal-fjuwils fossili, u l-inċentivi dannużi li għadhom fis-seħħ minkejja d-deċiżjoni maqbula fi Glasgow dwar l-eliminazzjoni gradwali tagħhom u f'Pariġi dwar l-allinjament tal-flussi finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 2.1c, li fost l-oħrajn jirrikjedi tnaqqis globali fil-flussi ta' investment lejn l-infrastruttura tal-fjuwils fossili, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal ċerti investimenti, inkluż lejn l-ġoti ta' skop ġdid u infrastruttura li tibqa' valida fil-futur kompatibbli ma' perkors biex it-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C. JIRRIKONOXXI s-sejbiet tal-IPCC li l-flussi ta' finanzjament pubbliku u privat għall-fjuwils fossili għadhom akbar minn dawk għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

43. IHEĠĠĠĠ lill-MDBs u IFIs oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tagħhom biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-eżiti tal-GST, inkluż permezz ta' mobilizzazzjoni akbar ta' finanzjament privat għall-klima u miżuri biex jittejjbu l-ambjenti abilitanti biex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-finanzjament għall-klima, u l-allinjament tal-istrategġiji, l-attivitajiet u l-investimenti tagħhom mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż billi jitwettqu r-riformi meħtieġa bħala parti mir-riforma usa' tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali fil-kuntest li l-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima kif ukoll għal żieda kontinwa fl-iskala, l-effettività tal-finanzjament għall-klima u l-aċċess simplifikat għalih. JILQA' l-isforzi li għaddejjin mill-MDBs biex iżidu l-użu tagħhom tal-finanzjament għall-klima, jallinjaw is-self u l-operazzjonijiet mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u jiżviluppaw aktar l-approċċ konġunt tagħhom għat-traċċar u r-rappurtar dwar l-output u r-riżultati tal-finanzjament għall-klima, kif ukoll il-metodoloġija konġunta tal-MDB dwar l-Allinjament ta' Pariġi, ir-rieżami tal-Qafas tal-Adegwatezza tal-Kapital tal-G20 u strategġiji oħra stabbiliti minn għadd ta' MDBs ewlenin, inkluż, bħala pjunieri, il-Bank Ewropew tal-Investment, kif ukoll il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Grupp tal-Bank Dinji u JAPPELLA għall-implimentazzjoni rapida tagħhom. JISSOTTOLINJA r-rwol importanti li l-MDBs għandhom biex jilhqnu l-għanijiet globali tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija sal-2030 biex jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ġusta u ekwa lil hinn mill-fjuwils fossili li tippermetti li jsir aktar investment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'economiji emerġenti.
44. JILQA' r-rikonossiment fil-GST tar-rwol tal-gvernijiet, il-banek ċentrali, il-banek kummerċjali, l-investituri istituzzjonali u atturi finanzjarji oħra bil-ħsieb li jittejjbu l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji finanzjarji relatati mal-klima, filwaqt li jiġi żgurat jew jissaħħaħ l-aċċess għall-finanzjament għall-klima fir-reġjuni u s-setturi ġeografiċi kollha, u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu esplorati għażliet innovattivi għat-twessigħ tas-sorsi ta' finanzjament konċessjonali għall-azzjoni klimatika inkluż fost l-oħrajn l-ipprezzar tal-karbonju, l-imposti għall-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika biex b'hekk ikun possibbli li jitnaqqsu l-inċentivi dannużi. JILQA' l-idma tar-Rieżami tal-Esperti Globali dwar id-Dejn, in-Natura u l-Klima u l-Patt ta' Pariġi għan-Nies u l-Pjaneta.

45. JISSOTTOLINJA l-effettività tal-ipprezzar tal-karbonju fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-istimolu ta' investimenti ekoloġiċi u t-trasformazzjoni tas-setturi tal-enerġija u industrijali simultanjament kif muri mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. JISTIEDEN lis-sħab biex jaħdmu mal-UE fuq l-iżvilupp ta' approċċ globali dwar l-ipprezzar tal-karbonju u JAPPOĠĠA u JINKORAĠĠIXXI lill-ġuriżdizzjonijiet kollha biex jintroduċu jew itejbu l-mekkaniżmi domestiċi tal-ipprezzar tal-karbonju tagħhom stess, filwaqt li jissottolinja l-potenzjal tagħhom li jżidu d-dħul biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-NDC tagħhom fost l-oħrajn billi jallinjaw l-istrumenti tal-ipprezzar tal-karbonju mas-Sejħa għal Azzjoni għal Swieq tal-Karbonju Allinjati f'Pariġi u jkunu involuti finizjattivi internazzjonali bħall-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni dwar il-Klima, l-Inizjattiva Bridgetown, u d-Dikjarazzjoni dwar il-Klima ta' Nairobi. JENFASIZZA li hija meħtieġa azzjoni biex jiżdied l-ipprezzar globali tal-karbonju.

PARTIJET IKKONĊERNATI MHUX PARTI U ORGANIZZAZZJONIJIET U PROĊESSI INTERNAZZJONALI OĦRA

46. JENFASIZZA l-importanza u l-ħtieġa ta' azzjoni minn partijiet ikkonċernati mhux Parti, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili, in-negozji, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-bliet u l-awtoritajiet sottonazzjonali, il-Popli Indiġeni, il-komunitajiet lokali, iż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet tar-riċerka, inkluż fil-proċess tal-UNFCCC, u JINKORAĠĠIXXI l-impenn kontinwu fl-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u l-implimentazzjoni tal-eżiti tal-GST, inkluż permezz tal-Aġenda għall-Azzjoni Klimatika Globali. JENFASIZZA b'mod speċjali r-rwol kruċjali tas-settur privat u l-finanzjament privat. JILQA' u JĦEĠĠEĠ l-involviment qawwi taż-żewġ Promoturi ta' Livell Għoli fit-trawwim ta' azzjoni klimatika. JILQA' wkoll l-involviment qawwi mill-atturi kummerċjali stabbiliti fl-Unjoni biex jipprovdu soluzzjonijiet biex titħaffef l-azzjoni klimatika globalment. JIRRIKONOXXI t-talbiet qawwija tas-soċjetà ċivili, speċjalment mit-tfal u ż-żgħażaġh, għal azzjoni klimatika aktar ambizzjuża, filwaqt li titqies l-ekwità interġenerazzjonali, u l-ħtieġa li tiġi stabbilita tranżizzjoni ekoloġika ta' benefiċċju soċjali li tqis il-ħtiġijiet tal-poplu; f'dan il-kuntest JAGĦRAF il-ħtieġa ta' parteċipazzjoni pubblika inklużiva, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u ambjenti abilitanti għall-involviment attiv kif ukoll aċċess għall-informazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-edukazzjoni dwar it-tibdil fil-klima, it-taħriġ, il-parteċipazzjoni pubblika, u l-kooperazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Azzjoni għal Awtonomizzazzjoni b'rabta mal-Klima.

47. F'konformità mal-GST JAPPELLA għal soluzzjonijiet għat-tranżizzjoni għal stili ta' ħajja, konsum u xejriet ta' produzzjoni sostenibbli inkluż permezz ta' approċċi tal-ekonomija ċirkolari, JIRRIKONOXXI d-domanda dejjem akbar għall-fjuwils fossili u l-enerġija għall-produzzjoni tal-plastik u l-interkonnnessjonijiet mat-tibdil fil-klima u l-effetti detrimentali tat-tniġġis tal-plastik għar-reżiljenza għall-klima, is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi. JAPPELLA biex jintemm it-tniġġis tal-plastik fl-ambjent u JILQA' l-ħidma tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negożjar (INC) biex jiġi stabbilit Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti biex jintemm it-tniġġis mill-plastik.
48. JAGĦRAF it-tmexxija u r-responsabbiltajiet tal-atturi lokali u l-inklużjoni tal-gvernijiet lokali u reġjonali, fl-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-azzjoni klimatika soċjalment ġusta. JAPPELLA għal soluzzjonijiet li jirriflettu l-importanza tat-tranżizzjoni lejn stili ta' ħajja sostenibbli u xejriet sostenibbli ta' konsum u produzzjoni u JIPPROMWOVI l-involvement effettiv taċ-ċittadini fil-mixja lejn tali stili ta' ħajja, inkluż permezz ta' approċċi tal-ekonomija ċirkolari u JENFASIZZA l-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa mal-gvernijiet u l-komunitajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-NDCs, il-NAPs u l-istrateġiji u l-LTSs.
49. IFAKKAR li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali u mit-trasport marittimu jridu jiġu indirizzati b'mod effettiv u fl-aħħar mill-aħħar jitnaqqsu għal zero netti. JILQA' l-progress li sar mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fl-istrateġija riveduta tagħha dwar il-gassijiet serra li tinkludi ambizzjoni komuni msaħħa biex jintlaħqu emissjonijiet netti zero ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu internazzjonali sal-2050 jew madwar, b'punti ta' kontroll indikattivi għall-2030 u l-2040. L-istrateġija dwar il-gassijiet serra tinkludi wkoll livell ġdid ta' ambizzjoni relatat mal-użu ta' teknoloġiji, fjuwils jew sorsi tal-enerġija alternattivi b'emissjonijiet zero jew kważi zero sal-2030. IĦEĠĠEĠ lill-OMI tkompli l-ħidma tagħha biex sal-2025 tiżviluppa u tadotta miżuri ta' nofs it-terminu li jiżguraw li jintlaħqu l-obiettivi kollha tal-istrateġija u jinkorporaw standard li jirregola t-tnaqqis gradwali tal-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwils tal-baħar, u mekkaniżmu ta' pprezzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra marittimi. JAPPELLA lill-Istati Membri tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex jaqblu sal-Assemblea tal-ICAO fl-2025 biex isaħħu l-livell ta' ambizzjoni tal-CORSIA f'konformità mal-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni fit-tul tagħha, lejn l-ilħuq tal-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

50. ITENNI l-importanza kritika tal-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tan-natura u l-ekosistemi tal-baħar, tal-ilma ħelu, kostali u terrestri biex tintlaħaq il-mira li t-tisħin jinżamm taħt il-1.5 °C, inkluż permezz ta' sforzi msaħħa biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030 u billi jiġu ppreservati u restawrati l-oċeani u l-ekosistemi kostali u tal-ilma ħelu, kif ukoll tal-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-muntanji bħala reġjuni speċjalment vulnerabbli għall-klima kif rikonoxxut ukoll fil-GST, FILWAQT LI JFAKKAR fl-inkoraġġiment tiegħu biex tissaħħaħ aktar l-azzjoni klimatika bbażata fuq l-oċeani u FILWAQT LI JILQA' d-Djalogu dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima li sar taħt l-UNFCCC.
51. JENFASIZZA l-hteġa li tiġi indirizzata r-rabta bejn l-ilma u l-klima. F'dan il-kuntest, IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar l-Ilma fl-azzjoni esterna tal-UE² u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jirrikonoxxu l-hteġa għal azzjoni msaħħa tal-UE u dik globali dwar l-ilma u jissottolinja l-importanza ta' approċċ strateġiku għas-sigurtà tal-ilma³. JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-artijiet mistagħdra u l-ekosistemi kostali, għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-hteġa għall-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, u f'dan ir-rigward l-enfasi fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif ukoll approċċi bbażati fuq l-ekosistemi, biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' adattament. JILQA' l-eżiti tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023, l-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma tagħha, u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Ilma kif ukoll l-implimentazzjoni tal-istrateġija għas-sistema kollha tan-NU għall-ilma u s-sanità billi, fost l-oħrajn, jiġu integrati l-ekosistemi tal-ilma u tal-ilma ħelu fil-proċessi rilevanti tan-NU. JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali tal-ippjanar spazjali fl-adattament għat-tibdil fil-klima, eż. billi jitqiesu r-riskji tal-iskarsezza tal-ilma u tal-għargħar ikkawżati mill-klima fl-ippjanar tal-attivitajiet.
52. JINNOTA ż-żieda bla preċedent fil-frekwenza u l-iskala ta' avvenimenti klimatiċi estremi, bidliet fix-xejriet tat-temp u d-diżastri naturali, li jagħmlu ħsara lill-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, kif ukoll is-setgħa li l-kultura u s-sens ta' appartenenza għal kultura għandhom biex jissensibilizzaw lis-soċjetà u jattivaw sinerġiji fil-livelli kollha tagħha biex tittieħed azzjoni klimatika u JILQA' l-inklużjoni tal-protezzjoni tal-wirt kulturali fil-qafas tal-Emirati Għarab Magħquda għar-Reżiljenza Globali għall-Klima.

² dok. 14108/21

³ EUCO 4/23